FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2002**

**Numru 24**

**Avviz. numru 1788/01JR**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Lucienne Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm127.00), in kwantu ghas-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) import ta' erba' kambjalijiet annessi mal-avviz u mmarkati Dok.1,2,3, u 4, u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20.00) prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, u in kwantu ghas-somma ta' seba'**

**liri Maltin (Lm7.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm127.00), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**